



Paġna ewlenija>Taħriġ, networks ġudizzjarji u aġenziji>In-NGE fil-kwistjonijiet ċivili u kummerċjali>**Dwar in-Networks**

Dwar in-Networks

Awstrija

L-Awstrija stabbiliet fid-Dipartiment I 9 tal-Ministeru Federali tal-Affarijiet Kostituzzjonali, ir-Riformi, id-Deregulazzjoni u l-Ġustizzja (Bundesministerium für Verfassung, Reformen, Deregulierung und Justiz) punt ta' kuntatt ċentrali li jindirizza mistoqsijiet legali minn punti ta' kuntatt barranin magħmula permezz tan-network, iwettaq diversi kompiti relatati mal-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni u jorganizza u jediġta l-entrati Awstrijaċi għall-iskedi informattivi tan-network li jiġu ppubblikati fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja.

Barra minn hekk, ġew innominati żewġ imħallfin bħala punti ta' kuntatt għal kull waħda mill-erba' ġurisdizzjonijiet (tlieta għall-ġurisdizzjoni ta' Vjenna) tal-Qorti Reġjonali Superjuri (Oberlandesgericht). Huma jipprovdu assistenza u appoġġ lill-punti ta' kuntatt barranin u lill-qrati Awstrijaċi f'kawżi individwali li jinvolvu kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera (bħal meta jkun hemm diffikultajiet fil-kumpilazzjoni tax-xhieda transfruntiera jew fin-notifika tad-dokumenti).

Għalhekk, f'każijiet bħal dawn, il-punti ta' kuntatt barranin għandhom jikkuntattjaw lill-punt ta' kuntatt ġudizzjarju lokali rilevanti u mhux lill-punt ta' kuntatt ċentrali fil-Ministeru Federali tal-Affarijiet Kostituzzjonali, ir-Riformi, id-Deregulazzjoni u l-Ġustizzja. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna tinkludi l-provinċji ta' Vjenna, l-Awstrija t'Isfel u Burgenland, dik tal-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Linz tinkludi l-provinċji tal-Awstrija ta' Fuq u Salzburg, dik tal-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Innsbruck tinkludi l-provinċji ta' Tirol u Vorarlberg u l-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz hija responsabbli għall-provinċji ta' Steiermark u Kärnten.

L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-**punti ta' kuntatt Awstrijaċi tan-NGE** jistgħu jiġu aċċessati permezz tal-ħolqa li ġejja: <https://e-justice.europa.eu/contactPoint.do>

Individwi privati/partijiet fil-proċedimenti jew ir-rappreżentanti legali tagħhom ma jistgħux jikkuntattjaw lill-punti ta' kuntatt tan-network direttament.

Madankollu, huma jistgħu jitolbu lill-imħallf li jmessxi l-proċedimenti sabiex jirreferihom għal punt ta' kuntatt.

Il-Kamra tal-Avukati Awstrijaka (Österreichische Rechtsanwaltskammertag) u l-Kamra tan-Nutara Awstrijaka (Österreichische Notariatskammer) ilhom jagħmlu parti min-NGE mill-1 ta' Jannar 2011; madankollu, skont id-Deċiżjoni tan-NGE tat-28 ta' Mejju 2001 (2001/470/KE), kif emendat bid-Deċiżjoni 568 /2009/KE tat-18 ta' Ġunju 2009, ma għandhomx il-kompetenza biex jitrattaw każijiet individwali.

Österreichischer Rechtsanwaltskammertag

1010 Wien, Tuchlauben 12

Tel.: +43/1/535-1275, Faks: +43/1/535-1275-13

Posta elettronika: rechtsanwaelte@oerak.at

Lingwi: Il-Ġermaniż u l-Ingliż

Österreichische Notariatskammer

1010 Wien, Landesgerichtsstraße 20

Tel.: +43/1/4024-5090, Faks: +43/1/406-3475

Posta elettronika: kammer@notar.or.at

Lingwi: Il-Ġermaniż, il-Franċiż u l-Ingliż

L-aħħar aġġornament: 22/04/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NGE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NGE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indiriztat.